16 ta' Jannar, 1956

## Imħallef:

## Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Emmanuele Borg *versus* Giuseppe Micallef et.

**Elevazzjoni — Vettura bil-Mutur — Taxxa tal-Boll — Art. 57 u 60 tal-Kap. 61**

*F'kaz ta' trasferiment jew twellija ta' vettura bil-mutur kif definita fl-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, dak it-trasferiment jew twellija ma jagħtu ebda azzjoni u ma jiswewx bħala titolu f'kawża, jekk ikunu saru mingħajr il-formalità tal-iskrittura preskritta bl-Att XVIII tal-1951 għall-finijiet tat-taxxa tal-boll.*

*Għaldaqstant, jekk fl-eżekuzzjoni ta' mandat ta' qbid jiġi maqbud van bil-mutur li jappartjeni lil terza persuna dik il-persuna ma tistax titlob li jiġi revokat dak il-mandat minn fuq dak il-van jekk, meta hija akkwistat dak il-van, ma saretx l-iskrittura hawn fuq imsemmija.*

Il-Qorti;—Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li jippremetti illi b'mandat maħruġ minn dina l-Qorti fit-23 ta' April 1955 (dok. A) ġie elevat mill-poter tal-konvenut Salvatore Azzopardi, fuq istanza tal-konvenuti miżżewġin Micallef, il-motor van Morris No. 8735; u illi l-imsemmi van huwa tiegħu u jinsab debitament liċenzjat fuq ismu; jitlob illi, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, tiġi revokata l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' qbid fuq riferit in riferenza għall-imsemmi van. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, li ġew inġunti biex jidhru għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi fit-23 ta' April 1955 il-konvenuti miżżewġin Micallef talbu u ottenew minn dina l-Qorti l-ispedizzjoni ta' mandat ta' qbid kontra l-konvenut Azzopardi in eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija...... L-attur jippretendi illi l-imsemmi van hu tiegħu, u għalhekk qiegħed jitlob illi tiġi

revokata l-eżekuzzjoni ta' dak il-mandat ta' qbid in riferenza għall-imsemmi van;

Illi mill-provi miġjuba jirriżulta, fost ħwejjeġ oħra, illi dak il-motor van ġie "transferred" mill-konvenut Azzopardi fuq ċertu Lazzaro Xuereb fl-20 ta' April 1954; u mbgħad minn Lazzaro Xuereb ġie "transferred" fuq l-attur fis-7 ta' Awissu 1954, li fuqu għadu jidher sal-lum (fol. 24), tant illi l-liċenza u l-"Policy of Insurance" tiegħu qiegħdin f'ismu (fol. 17). Jirriżulta wkoll mix-xhieda tal-attur, fil-kontroeżami, illi meta huwa xtrara l-van, dawwar il-liċenza tiegħu fuqu, u għamlu skrittura ta' trasferiment biss għad-Depot (fol. 18), u illi, kif xehed il-konvenut Azzopardi, id-Dipartiment ta' l-Inland Revenue għadu ma bagħatx għalieh u għal Lazzaro Xuereb, jew għall-attur (fol, 20), li lilu, kif jgħid huwa, biegħ u ffirma għat-transfer (fol. 19).

Illi, kif irriteniet il-Qorti tal-Kummerċ fis-7 ta' Ottubru 1955, fil-kawża fl-ismijiet "Aquilina vs. Cassar", skond id-dispożizzjoni tal-art. 57 u 60 tal-Ordinanza No. VIII tal-1918 (Ordinanza dwar it-Taxxa tal-Boll, Kap. 68), kif emendata bl-Att nru. XVIII tal-1951, fin-nuqqas tal-formalità tal-iskrittura f'każ ta' trasferiment jew twellija ta' motor van kif definit fl-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 105), dak it-trasferiment jew twellija ma jkunx jiswa bħala titolu f'kawża;

Illi t-titolu tal-azzjoni f'din il-kawża hu illi dak il-motor van hu tal-attur għaliex ġie mibjugħ u trasferit lilu; liema bejgħ u trasferiment, però, kif ingħad, ma jirriżultax illi saru bil-formalità li trid il-liġi kif fuq imsemmi; u għalhekk l-istess bejgħ u trasferiment, skond l-istess liġi — li bħala liġi fiskali għandha tiġi nterpretata letteralment — ma jistgħux iservu bħala titolu ta' azzjoni; b'mod illi l-istess azzjoni mhix ammissibbli;

Għal dawn r-raġunijiet, u fil-kontumaċja tal-konvenut Azzopardi;

Tiddeċidi billi tiddikjara illi l-azzjoni tal-attur mhix ammissibbli, u għalhekk tirrespinġi t-talba miġjuba minnu fiċ-ċitazzjoni; bl-ispejjeż kontra tiegħu.

---